**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 18 ta' Frar, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**-vs-**

**Shania D'Amato, detentrici tal-karta ta' l-identita` numru 195700(L)**

*Kumpilazzjoni 774/2018*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Shania D'Amato u ċioè talli:

Nhar is-06 ta' Frar, 2018, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:-

1. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' erba' mija u tlettax-il Ewro (€413) ghad-dannu tal-Bank HSBC Malta, il-kumpanija maghrufa bhala 'Evently', il-kumpanija maghrufa bhala 'RHB Ltd', u/jew ta' persuna/i ohra, u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamlet qligh iehor b`qerq mhux msemmi fl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' erba' mija u tlettax-il Ewro (€413) ghad-dannu tal-Bank HSBC Malta, il-kumpanija maghrufa bhala 'Evently', il-kumpanija maghrufa bhala 'RHB Ltd', u/jew ta' persuna/i ohra, u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

3. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u/jew fil-granet ta' qabel, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommettiet serq ta' flus ghad-dannu tal-Bank HSBC Malta, il-kumpanija maghrufa bhala 'Evently', il-kumpanija maghrufa bhala 'RHB Ltd', u/jew ta' persuna/i ohra, u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l- elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

6. u fl-ahhar talli kkomettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation, liema sentenza giet mghotija mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. fit-13 ta' Settembru, 2017, u liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputata Shania D'Amato bhala li saret recediva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienet misjuba hatja f'sentenzi ohra moghtija lilha mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata m'ghandhiex l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2019, mizmuma minn din il-Qorti l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputata wiegbet li hi hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissieta b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessa.

Illi mhemmx dubbju li l-fatti specie ta' dan il-kaz jinkwadraw rwiehom fir-reat ravvizat fl-ewwel imputazzjoni u mhux f'dak ta' frodi innominat ravvizat fit-tieni akkuza jew f'dak ta' serq ravvizat fil-hames akkuza li nghataw bhala akkuzi alternattivi ghall-ewwel akkuza. Ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tal-hames imputazzjoni.

Illi t-tielet u r-raba imputazzjonijiet servew ta' mezz ai fini ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi minkejja li saret ammissjoni anke fuq l-akkuza numru sitta (6), jirrizulta li dik is-sentenza saret *res judicata* nhar it-12 ta' Lulju, 2018, wara id-data tal-akkuzi odjerni.

Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon:**[1]

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-ohra li hemm fl-atti, senjalatament l-istqarrija tieghu stess ghaliex minn din ta'l-ahhar jirrizulta illi huwa ikkometta r-

---

[1] Deciza 19 ta' Novembru 2015; Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 385/2015.

reati addebitati lilu mhux f'Awwissu, izda f'Settembru 2013 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal ta'l-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xahar wara. Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta'l-ammissjoni maghmula mill-persuna akkuzata tghallimna illi:

"*Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni* ***jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.***[2] "(sottolinjar tal-Qorti)

Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l-inetnzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas proceduràli daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex trqi ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il-mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza moghtija mill-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa** nghad:[3]

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti ma tirriflettiex l-fatti li jemergu mill-provi li hemm fl-atti, ….

Allura dan iwassal ghal konkluzjoni illi minn ezami tal-atti u abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghall-ewwel imputazzjoni billi r-reat qatt ma seta' jirrizulta. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Mhux biss izda l-artikolu 392(A)(3) jimponi fuq il-Qorti illi:

"*….. meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu hati.*"

Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom…..

[2] Il-Pulizija vs Martin Camilleri 20/01/1995 (Vol.LXXIX.v.1538)
[3] Deciza 26 t'Ottubru, 2017 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell numru.99/2017.

Illi ghalkemm l-artikolu 436(3) tal-Kodici Kriminali mhux wiehed mill-artikoli rezi applikabbli specifikatament ghall-Qrati tal-Magistrati bl-artikolu 525 tal-Kodici, mhemmx dubbju li din il-Qorti tkun qed tonoqs serjament mid-doveri taghha jekk issib persuna hatja ta' fatti li ma jirrizultawx mill-provi prodotti anzi fejn l-istess provi joffru fatti konfliggenti.

Illi fid-dawl tar-rizultanzi processwali u fuq dan l-insenjament, l-imputata qed tigi liberata minn kwalunkwe htija u piena fuq is-sitt akkuza u cioe` dik li wettqet reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation mahrug nhar it-13 ta' Settembru, 2017.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, tal-fedina penali mtappna tal-imputata minkejja z-zghozija taghha u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz, partikolarment tal-fatt li l-imputata gharrfet l-izball taghha fejn uriet li lesta tikkumpensa *in toto* lil parte leza. Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li fiz-zmien meta twettqu r-reati addebitati lilha, l-imputata kienet ghada minorenni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 37(2), 183, 184, 308 u 310(1)(c) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tal-hames imputazzjoni w tillibera lill-imputata mis-sitt imputazzjoni, ssibha hatja tal-akkuzi l-ohra kollha, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggiha taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hatja thallas lura lil-parte leza s-somma ta' €413 fi zmien hames (5) xhur millum b'pagamenti mensili.

Din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija ezegwibbli bl-istess mod daqslikieku inghatat f'kawża ċivili bejn l-imputata u l-parte leza.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma ssegwix id-direttivi li se jinghatawlha fil-perjodu ta' supervizjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**